**L-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2013**

P7_TA(2013)0249

## Ħatra ta' Membru tal-Kummissjoni Ewropea

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2013 li tapprova l-ħatra tas-Sur Neven Mimica bħala Membru tal-Kummissjoni Ewropea (2013/0806(NLE))**

(2016/C 065/35)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Att ta' adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Gvern Kroat fil-25 ta' April 2013, bil-ħsieb tal-ħatra tas-Sur Neven Mimica bħala Membru tal-Kummissjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kunsill tat-2 Mejju 2013, li permezz tagħha l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament dwar id-deċiżjoni, li tittieħed bi qbil komuni mal-President tal-Kummissjoni, dwar il-ħatra tas-Sur Neven Mimica bħala Membru tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra s-seduta ta' smigħ tas-Sur Neven Mimica fl-4 ta' Ġunju 2013, li kienet immexxija mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur bl-assoċjazzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-ikel u d-dikjarazzjoni ta' evalwazzjoni mfassla wara dak is-smigħ,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106 u l-Anness XVII tar-Regoli ta' Procedura tiegħu,

1. Japprova l-ħatra tas-Sur Neven Mimica bħala Membru tal-Kummissjoni għall-bqija taż-żmien tal-kariga tal-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2014;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u r-Repubblika tal-Kroazja.

---

P7_TA(2013)0251

## Ħatra ta' membru tal-Qorti tal-Awdituri

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-ħatra proposta ta' Neven Mates bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C7-0106/2013 – 2013/0804(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

(2016/C 065/36)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0106/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0182/2013),

A. whereas Parliament's Committee on Budgetary Control proceeded to evaluate the credentials of the nominee, in particular in view of the requirements laid down in Article 286(1) of the Treaty on the Functioning of the European Union;

B. billi, waqt il-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Mejju 2013, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sema' lill-kandidat propost mill-Kunsill għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;